MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**AUDREY DEMICOLI**

Seduta tal-21 ta' Ottubru, 2011

Numru. 154/2010

**Il-Pulizija**
**Spettur Maurice Curmi**

**vs**

**Majed Nazir Gill**

Il-Qorti ;

Rat li l-imputat Majed Nazir Gill ta' 33 sena, bin il-mejjet Nazir u Antoinette nee' Kitcher, imwieled l-Ingilterra fl-14 ta' Awwissu 1976 u residenti 39, Triq il-Kuncizzjoni, Marsa u detentur tal-karta tal-identita' numru 12399(M) gie mressaq quddiemha akkuzat talli :

Fil-11 ta’ Dicembru 2009, f’ dawn il-Gzejjer, fil-kapacita tieghu ta’ ufficjal jew impjegat f’ amministrazzjoni pubblika, u cioe’ Gwardjan Lokali, taht il-libsa tal-kariga tieghu, esiga dak li l-ligi ma tippermettix, u b’abbuz ta’ awtorita’, in konnessjoni mal-kariga jew impjieg tieghu, talab, ircieva jew accetta ghalih jew ghal haddiehor xi rigal jew weghda jew offerta ta’ xi rigal fi flus jew f’utli iehor, jew ta’ xi vantagg iehor u cioe’ ircieva is-somma ta’ ghoxrin ewro (€20.00) minghand Lord Tom McDonald, li ghalihom hu ma kellux jedd, ai terminu ta’ l-artikoli 112 u 113 tal-Kodici Kriminali, Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Fl-istess zmien, lok u cirkostanzi, bil-hsieb li jaghmel, jahbi jew juri haga b’ohra dwar xi reat taht l-artikoli precedenti ta’ dan is-sub-titolu, holoq, jew uza xi fattura jew xi dokument jew record ta’ kontabilita’ iehor li kien fiha informazzjoni falza jew mhux kompleta jew ommetta b’ mod mhux legittimu milli rregistra xi hlas, ai terminu ta’ l-artikolu 121B tal-Kodici Kriminali, Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Il-Qorti kienet mitluba sabiex barra milli tapplika l-piena skond il-Ligi, tordna lill-imputat sabiex ihallas l-ispejjez li ghandhom x’jaqsmu mal-hatra tal-esperti, ai termini tal-artikolu 533 tal-Kodici Kriminali, Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Rat l-atti kollha ta’ dan il-procediment inkluz il-kunsens tal-Avukat Generali datat 22 ta’ Frar 2010 (esebit *a folio* 6 tal-process) sabiex il-kawza tigi trattata u deciza bi procedura sommarja.

Rat li waqt l-ezami li sarlu fis-seduta tad-9 ta’ Gunju, 2010 l-imputat iddikjara li ma kellux oggezzjoni li l-kaz tieghu jigi trattat u deciz bi procedura sommarja u deciz minn din il-Qorti fil-kompetenza taghha surreferita.

Semghat il-provi;

Semghat it-trattazzjoni finali maghmula mill-Prosekuzzjoni u mid-Difiza.

Ikkunsidrat:

Illi dawn il-proceduri nbdew abbazi ta’ rapport li l-Pulizija rceviet minghand Patrick Busuttil in rapprezentanza ta’ The Guardian and Warden Services[1] fejn dan min-naha tieghu irraporta li l-imsemmija kumpanija kienet irceviet ittra minghand certu Lord Tom Mc Donald fejn dan allega li fil-11 ta Dicembru 2009 huwa flimkien ma’ martu kienu ghaddejjin b’vettura tal-kiri bin-numru tar-registrazzjoni DBK 384 minn Bahar ic-Caghaq meta gew imwaqqfin minn gwardjan lokali stante li ma kienux liebsin seat belt. Huma allegaw li l-warden qalilhom li setghu ihallsu l-multa ta’ ghoxrin Ewro (€20) dak il-hin stess u fil-fatt hekk ghamlu izda meta talbu ricevuta l-warden infurmahom li din kienet ser tintbaghat bil-posta lill-kumpanija minn fejn kienu krew il-vettura. Lord Tom Mc Donald qal li sussegwentement skopra minghand id-ditta li minghandha kien kera l-vettura li ma kienx minnu li l-multi setghu jithallsu on the spot u li ghalhekk huwa qatt ma kien ser jircievi ricevuta. Minn indagni li ghamlu l-Guardian and Warden Services irrizulta li l-warden in kwistjoni kien l-imputat fil-kawza odjerna u huma bdew proceduri dixxiplinari fil-konfronti tieghu, izda peress li huwa rrizenja mill-impjieg dawn il-proceduri gew imwaqqfa u sar ir-rapport relattiv mal-Kummissarju tal-Pulizija.

Mill-atti processwali jirrizulta li fis-7 ta’ Frar 2010 l-imputat irrilaxxja stqarrija[2] fejn huwa kkonferma li kien ircieva €20 minghand Lord Tom Mc Donald izda qal li kien dan tal-ahhar li kien staqsih jekk setghax ihallas il-multa dak il-hin u meta rrisponda fl-affermattiv dan ghaddielu €20. Huwa qal li fl-ebda hin ma gie mitlub johrog ricevuta u qal li ma kienx hareg ticket lil Lord Tom Mc Donald talli ma kienx liebes seat belt u li ma kienx informa lis-superjuri tieghu dwar l-€20 li kien ircieva.

Mill-atti processwali jirrizulta li l-imsemmi Lord Tom Mc Donald sfortunatament miet fil-mori ta’ dawn il-proceduri u

[1] Inserit a fol. 23 tal-atti processwali.
[2] Inserita a fol. 15 u 16 tal-atti processwali

ghalhekk huwa ma setghax jittella’ bhala xhud fl-istess proceduri mill-Prosekuzzjoni.

Ikkunsidrat:

Illi l-Prosekuzzjoni qed tibbaza l-kaz  taghha fil-konfronti tal-imputat fejn huwa qed jigi addebitat bir-reati kontemplati fl-Artikoli 112, 113 u 121B tal-Kodici Kriminali fuq dak li huwa qal fl-istqarrija minnu rilaxxjata. Il-Qorti izda jidrilha li tenut kont tal-fatt li meta l-imputat irrilaxxja din l-istqarrija huwa ma nghatax l-opportunita’ li jikkonsulta ma’ avukat u tenut kont tal-izviluppi kostituzzjonali fir-rigward u stante li din hija l-unika prova li ghandha l-Pulizija fil-konfronti tal-imputat peress li l-ahjar prova u cioe’ x-xhieda tal-persuna li ghamlet ir-rapport u cioe’ Lord Tom McDonald ma setghatx tingab il-Qorti ghar-ragunijiet appena indikati, din il-Qorti ma tistghax tiehu in konsiderazzjoni dak li qal l-imputat fl-istqarrija tieghu.

L-imputazzjonijiet migjuba fil-konfronti tal-imputat b’hekk ma jistghux jitqiesu li jirrizultaw pruvati sal-grad rikjest mill-ligi.

Ghal dawn il-motivi l-Qorti tiddikjara lill-imputat mhux hati tal-imputazzjonijiet migjuba fil-konfronti tieghu u konsegwentement tilliberah mill-istess imputazzjonijiet.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------